TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 24

L-Erbgha, 3 ta' Gunju, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Josef Fitzpatrick u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Ryan Douglas Tanti u l-Kunsillier Charles Grech infurmaw li kienu ma jifilhux u ghalhekk gew skużati.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 23 li saret nhar l-Erbgha, 6 ta' Mejju, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillieri Ryan Douglas Tanti u Charles Grech infurmaw li kienu ma jifilhux u ghalhekk gew skużati.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Kiosk Sa Maison***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li r-rabta tal-Kunsill mal-persuna li kien rebah l-offerta snin ilu, kienet intemmet u l-persuna gie infurmat ukoll. Min-naha tieghu dan gie aċċettat ukoll. Barra hekk, il-kiosk aktarx li hija skedata u hemm il-htiega li jsir manutenzjoni maġġuri fuqha ghax kif inhi ma tistax topera. Ghalhekk kien hemm qbil li l-Kunsill jitkellem mal-Lands u l-PA sabiex qabel tinhareg sejha ghall-offerti, ikun hemm gwida dwar jekk il-kiosk jistghax isir manutenzjoni fuqha jew jekk ikun il-kaz, tinbidel kompletament.

3.2 ***EV Charging Pillars fi Triq San Girgor mill-OHSA***. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-OHSA kienu nfurmaw li fil-garage taghhom din ma tistax issir minhabba health and safety issues u jekk tiġi nstallata barra, mhux possibbli li tintuża mill-pubbliku minhabba n-numru kbir ta' karozzi li l-Awtorita` se jkollha bżonn tiċċarġja. Ghalhekk, il-Kunsill baqa' jsostni li ma jaqbilx li jittiehdu zewg parking bays f'area daqstant sensittiva ghal parkeġġ, biex jitqieghdu dawn ic-Charging Pillars.

3.3 ***Tender Torpedo Depot*** Is-Sindku informa li Derek kien aċċetta din l-offerta u ghalhekk ser ikun qed jiehu hsieb is-soft area tal-gnien tat-Torpedo Depot.

4 KORRISPONDENZA

4.1 ***Sigar quddiem il-kazin tal-Banda:*** Il-Kunsill kien irċieva talba mis-Socjeta` Filarmonica Madonna ta' Fatima sabiex jitnehhew is-sigar li hemm fil-genb tal-kazin tal-Banda, fi Triq id-Duluri. Dan minhabba li fejn qeghdin huma, ser ikun hemm id-dhul ghal kazin, fosthom ghal persuni b'dizabilita`. Il-Kunsill kien talab il-permess lill-ERA biex dawn jitnehhew, iżda gie nfurmat li dawn mhux protetti u ghalhekk jistghu jitnehhew. Kien hemm qbil unanimu li dawn jitnehhew..

4.2 ***Proposta minn GO plc ghal solar Panels :*** Il-Kunsill irċieva proposta minn GO plc sabiex jinstallaw *solar panels* fuq il-bejt tal-Kunsill minghajr ma jkun hemm *upfront cost* iżda li jithallsu pagamenti fix-xahar. Il-Kunsill ikun qieghed ukoll jiġġenera l-energija li eventwalment tnaqqas l-ammont tal-kont tieghu. Il-Kunsill unanimament qabel li filwaqt li se jkompli jara l-vijabilita` ta' din il-proposta, se jkun qed jiehu inkonsiderazzjoni wkoll il-possibilta` li jinbena sular fuq il-Kunsill.

5 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

5.1 **GO Telephone Boxes**: Is-Sindku qal li l-GO kienu lesti jghaddu b'kera zghira hafna, lill-Kunsill, iz-zewg telephone boxes antiki li hawn f'Tal-Pieta`. Dan sabiex jintużaw fi proġett li l-Kunsill gab fondi ghalih billi dawn jiġu restawrati u fihom jibdew isiru esibizzjonijiet zghar. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill dwar dan.

5.2 **Quddiesa tal-Festa**: Is-Sindku informa li nhar il-Hadd, 14 ta' Gunju, il-Kunsillieri huma mistiedna ghal Quddiesa tal-Festa. Min ser jattendi ghandu jinforma sabiex ikun hemm is-*seating* riservat.

5.3 **Donazzjoni ta' Luzzu lill-Kunsill**: Is-Sindku informa li individwu jixtieq jaghti donazzjoni ta' luzzu lill-Kunsill. Dan ghandu bżonn jiġi restawrat u l-hsieb huwa li jsir monument bih fil-gnien ta' quddiem il-club tal-bocci. Il-Kunsill ser ikun qed jara ghal liema fondi ser japplika ghal dan il-ghan. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

6 MISTOQSIJIET

6.1 Il-Vici Sindku staqsa jekk hemmx il-hsieb li jinbena sular iehor fuq il-post tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li jkun ahjar jekk il-Kunsill jistenna il-Master Plan tal-Gvern dwar l-Isptar San Luqa u tintalab laqgha mal-Ministru tas-Sahha l-gdid. Huwa l-hsieb li f'din il-laqgha jiġu diskussi open spaces ghar-residenti fil-konfini tal-isptar San Luqa, il-car park, u l-possibilta` ta' binja tal-Kunsill fil-konfini tal-Isptar San Luqa.

7 APPROVAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

7.1 Ma kienx hemm il-htiega ghal approvazzjoni ghax-xiri ta' oġġetti/servizzi.

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 23. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

9. TMIEM

9.1 Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 1 ta' Lulju, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku